MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 78/2006

**HSBC Bank Malta plc**

***kontra***

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Direttur tar-Registru Pubbliku u Lapsi Holdings Limited, u b`digriet tas-17 ta` Marzu 2006 APS Bank Limited (C2192), Bank of Valletta Plc (C2833), Lombard Bank Malta plc (C1607) u Volksbank Malta Limited (C30432) intervjenew *in statu et terminis***

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-1 ta` Frar 2006 li jaqra hekk –

*1. Illi l-bank attur kien ta b`self lill-kumpannija konvenuta s-somma ta` mija u hamsin elf lira (Lm150,000) assikurata permezz ta` ipoteka generali, ipoteka specjali u privilegg specjali fuq il-pjan terran, l-ewwel, it-tieni u t-tielet sular ta` Cove Hotel, illum bl-isem Lapsi Hillside, Bay Junction, San Giljan ;*

*2. Illi l-bank attur ta b`self lis-socjeta` konvenuta s-somma ta` tliet mija u tmenin elf lira (Lm380,000) assikurata permezz ta` ipoteka generali, ipoteka specjali u privilegg specjali fuq il-Cove Hotel fuq imsemmija u dan billi permezz ta` nota numru 1402/1997 gie konservat il-privilegg specjali fuq imsemmi ghas-somma ta` mitejn u tmenin elf lira (Lm280,000) filwaqt li l-facilita` tas-somma ta` mitt elf lira (Lm100,000) giet assikurata permezz ta` surrogazzjoni f`nota ta` ipoteka numru 11415/1995 permezz ta` noti ta` referenzi numri 4568/1996 u 4575/1997, kollha fuq Cove Hotel, illum bl-isem Lapsi Hillside, Bay Junction, San Giljan ;*

*3. Illi permezz ta` ittra ufficjali datata 23 ta` Novembru 1998 (Dokument "A") id-Direttur tad-Dipartiment tad-Dwana u s-Sisa interpella lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta` tmint elef, tmien mija u tmienja u ghoxrin lira (Lm8,828) ammont dovut ai termini tal-Att tal-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa ;*

*4. Illi permezz ta` ittra ufficjali tas-7 ta` Novembru 2000 (Dokument "B") il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud interpella lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta` tletin elf, disa` mija u tnejn u disghin lira (Lm30,992) rapprezentanti ammont dovut ai termini tal-Att tal-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa ;*

*5. Illi permezz ta` ittra ufficjali ohra pprezentata wkoll fis-7 ta` Novembru 2000 (Dokument "C") il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud interpella lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta` tmienja u erbghin*

*elf, tmien mija u tnejn u disghin lira (Lm48,892) rapprezentanti taxxa fuq il-valur mizjud ai termini tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Act XXIII tal-1998) ;*

*6. Illi permezz ta` ittra ufficjali tas-26 ta` Novembru 2002 (Dokument "D") il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud interpella lid-Diretturi tas-socjeta` konvenuta, Carmel Camilleri, William Caruana u Edward Ellul, sabiex ihallsu s-somma ta` mija u wiehed u hamsin elf u hamsin lira (Lm151,050) rapprezentanti ammont dovut ai termini tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud filwaqt li permezz tal-istess iddikjara illi qed jirrendi ezegwibbli titolu ezekuttiv li huwa jippretendi li ghandu permezz ta` avviz mibghut lill-intimati msemmija fil-15 ta` Settembru 2002*

*7. Illi permezz ta` ittra ufficjali tal-1 ta` Settembru 2003 (Dokument "E") il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud interpella lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta` mitejn u erbgha u tletin elf, mija u sitta u ghoxrin lira (Lm234,126) rapprezentanti ammont dovut ai termini tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, filwaqt li permezz tal-istess iddikjara li qed jirrendi ezegwibbli titolu ezekuttiv li huwa jippretendi li ghandu permezz ta` avviz mibghut lill-kumpanija konvenuta fis-16 ta` Awissu 2003 ;*

*8. Illi permezz ta` ittra ufficjali ohra wkoll datata 1 ta` Settembru 2003 (Dokument "F") il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud interpella lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta` sebat elef, tmien mija u tmienja u sebghin lira (Lm7,878) rapprezentanti ammont ta` taxxa tas-sisa dovuta ai termini tal-Att XII tal-1997 ;*

*9. Illi l-ammont reklamat permezz tal-ittra ufficjali datata l-1 ta` Settembru 2003 jaghmel parti mill-ammont reklamat permezz tal-ittra ufficjali datata 23 ta` Novembru 1998. Konsegwentement kwalunkwe terminu legali ghall-iskrizzjoni ta` privilegg specjali fuq l-immobbli da parti tal-*

*konvenut Kummissarju fir-rigward tal-ammont hemm indikat beda jiddekorri b`effett mid-data tal-Avviz imsemmija f`ittra ufficjali tat-23 ta` Novembru 1998 u mhux mill-1 ta` Settembru 2003 ;*

*10. Illi l-ammont reklamat permezz tal-ittra ufficjali datata 1 ta` Settembru 2000 fuq imsemmija jikkomprendi l-ammonti reklamati permezz tat-tliet ittri ufficjali fuq imsemmija datati 7 ta` Novembru 2000 u 26 ta` Novembru 2002 rispettivament. Konsegwentement kwalunkwe terminu legali ghall-iskrizzjoni ta` privilegg specjali fuq l-immobbli da parti tal-konvenut Kummissarju fir-rigward tal-ammont hemm indikat beda jiddekorri b`effett mid-data tal-Avviz imsemmija f`ittra ufficjali tas-7 ta` Novembru 2000 u mis-26 ta` Novembru 2002 u mhux mill-1 ta` Settembru 2003 ;*

*11. Illi fil-21 ta` Ottubru 2003 permezz ta` nota ta` iskrizzjoni numru 17860/2003 (Dokument "G") il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud irregistra kontra s-socjeta` konvenuta privilegg specjali ai termini tal-Att XXIII tal-1998 fuq l-assi kollha tas-socjeta` konvenuta inkluz il-lukanda minghajr numru jisimha Lapsi Hillside gia` Cove Hotel f`Bay Junction, San Giljan u dan ghas-somma ta` mitejn u erbgha u tletin elf, mija u sitta u ghoxrin lira (Lm234,126) f`liema nota ta` iskrizzjoni gie dikjarat li tali nota kienet qed tigi iskritta in forza ta` titolu ezekuttiv li allegatament il-Kummissarju kellu in forza ta` avviz datat 16 ta` Awissu 2003, allegatament rez ezegwibbli permezz ta` ittra ufficjali tal-1 ta` Settembru 2003 ;*

*12. Illi n-nota ta` iskrizzjoni ta` privilegg numru 17860/2003 hija nulla u bla effett in kwantu ma gietx registrata fi zmien xahrejn skond l-Artikolu 2029 tal-Kodici Civili, liema xahrejn ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-Avviz li stabilixxa t-Taxxa dovuta skond kif kienet il-Ligi relattiva in vigore fis-sena 2003 ;*

*13. Illi fl-ammonti reklamati mill-konvenut Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hemm inkluz penali amministrattiva li mhix taxxa u ghalhekk mhix koperta bi privilegg ;*

*14. Illi skond il-ligi applikabbli ghal kaz in ezami d-dritt tal-konvenut Kummissarju li jirregistra privilegg specjali hu moghti fir-rigward tat-taxxa dovuta u mhux tal-penali amministrattiv dovut.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-bank attur jitlob li din l-Onorabbli Qorti –*

*1. Tiddikjara illi n-nota ta` iskrizzjoni ta` privilegg specjali ghas-somma ta` Lm234,126 numru 17860/2003 hija nulla u bla effett stante li ma gietx iskritta fit-terminu legali.*

*2. Tiddikjara illi l-ammonti talvolta dovuti mis-socjeta` konvenuta bhala penali amministrattiva ma jgawdux privilegg specjali.*

*3. Tiddikjara illi l-istess nota hija nulla u bla effett stante li l-ammont hemm indikat jinkludi penali amministrattiv li ma jaghtix id-dritt lill-konvenut Kummissarju jirregistra privilegg specjali.*

*4. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ihassar ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi n-nota ta` iskrizzjoni ta` privilegg numru 17860/2003.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-bank attur, il-lista tax-xhieda ndikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud prezentata fl-24 ta` Frar 2006 li taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici HSBC Bank Malta plc huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ;*

*2. Illi, u dan minghajr pregudizzju ghall-fatt li l-privilegg in kwistjoni gie iskritt fir-Registru Pubbliku, is-socjeta` attrici m`ghandha l-ebda interess guridiku tintavola l-proceduri odjerna stante li l-ammont dovut bhala taxxa fuq il-valur mizjud hu fi kwalunkwe kaz ammont li hu diga` tal-gvern u li hu privileggjat fuq il-kawzi ta` preferenza l-ohra skond id-disposizzjoni ta` l-Att XXIII ta` l-1998 anke minghajr il-htiega li jigi skritt fir-Registru Pubbliku ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kuntrarjament ghall-pretensjoni ta` dik is-socjeta`, in-nota ta` iskrizzjoni ta` privilegg specjali in kwistjoni ghas-somma ta` mitejn erbgha u tletin elf mija sitta u ghoxrin liri Maltin (Lm234,126.00) u li ggib in-numru 17860/2003 giet iskritta ai termini tal-ligi ;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghalkemm is-socjeta` attrici qeghda tippretendi li l-konvenut Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kellu terminu ta` xahrejn li fih seta` jirregistra privilegg specjali u li ddekorra mid-data ta` l-Avviz datat 16 ta` Awissu, 2003, m`hemm l-ebda provvediment li jiddisponi b`dan il-mod kemm fil-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta), kif ukoll fl-Att XXIII ta` l-1998 ;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-privilegg specjali in kwistjoni gie registrat kontra s-socjeta` konvenuta Lapsi Holdings Limited fi zmien xahrejn mid-data ta` l-ittra ufficjali tal-1 ta` Settembru, 2003, li rendiet ezegwibbli l-Avviz tas-16 ta` Awissu, 2003 ;*

*6. Illi l-ammont ta` mitejn erbgha u tletin elf mija sitta u ghoxrin liri Maltin (Lm234,126.00) dikjarat bhala dovut fin-nota in kwistjoni, illum gie ridott permezz ta` nota ta` riduzzjoni numru ta` riferenza 1577 (ara kopja Dok. K1) ghas-somma ta` Lm38,682.96 stante li s-socjeta` konvenuta Lapsi Holdings Limited fil-frattemp ipprezentat diversi denunzji, liema somma tkopri biss, kif dikjarat fl-istess nota ta` riduzzjoni, taxxa kif dikjarata dovuta mill-konvenuta socjeta` u dik kif stmata mill-konvenut eccipjent ;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, il-lista tax-xhieda ndikati minnu u l-elenku ta` dokument esebiti mar-risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku prezentata fl-24 ta` Frar 2006 li taqra hekk –

*Illi preliminarjament l-esponent jirrespingi bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt il-pretensjonijiet dedotti fit-talbiet attrici fil-konfront tieghu ;*

*Illi l-involviment ta` l-esponent f`dan il-kaz kien limitat ghar-registrazzjoni tan-nota ghall-iskrizzjoni ta` privilegg specjali bin-numru progressiv 17860/2003 liema*

*registrazzjoni saret skond il-ligi ai termini ta` l-Artikolu 62 ta` l-Att XXIII tas-sena 1998 u tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli ghal xi nuqqas ta` l-esponent u ghalhekk m`ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta` l-istanti ;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi l-esponent jopponi t-talbiet attrici fil-konfront ta` l-esponent bl-ispejjez.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda ndikati mid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat li ghalkemm il-konvenuta Lapsi Holdings Limited kienet notifikata skond il-ligi bl-atti promotorji tal-azzjoni attrici, ma pprezentatx risposta.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fis-17 ta` Marzu 2006 fejn akkordat it-talba kongunta ta` APS Bank Limited (C2192) ta` Bank of Valletta plc (C2833) ta` Lombard Bank Malta plc (C1607) u ta` Volksbank Malta Limited (C30432) ghall-intervent taghhom fil-kawza *in statu et terminis.*

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-Avukat Dottor Eric Mamo (fol 180 sa fol 183) u d-dokumenti li kienu hemm esebiti (fol 184 sa fol 217).

Rat id-deposizzjoni ta` George Catania [quddiem din il-Qorti diversament presjeduta] fl-udjenza tat-8 ta` Mejju 2006 (fol 218 sa 219), fl-udjenza tad-29 ta` Mejju 2006 (fol 221 sa 226) flimkien mad-dokumenti hemm esebiti mix-xhud (fol 227 sa 235), fl-udjenza tal-11 ta` Ottubru 2006 (fol 237 sa 239), fl-udjenza tal-15 ta` Novembru 2006 (fol

272) flimkien mad-dokumenti li kienu hemm esebiti (fol 241 sa 271 u fol 273) u fl-udjenza tas-17 ta` Jannar 2007 (fol 275).

Rat id-deposizzjoni tal-P.L. Jonathan De Maria fl-udjenza tat-12 ta` Marzu 2007 (fol 277) flimkien mad-dokumenti li hemm kienu esebiti (fol 278 sa 310 u fol 312 u 313).

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Dr. Adrian Dingli (fol 316) u ta` George Catania (fol 318 sa 321)..

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta` Gunju 2007 (fol 323) fejn din il-Qorti diversament presjeduta laqghet it-talba tal-partijiet sabiex tinghata s-sentenza limitatament dwar jekk l-iskrizzjoni ta` privilegg specjali numru 17860/2003 saritx fit-terminu legali, u dwar jekk l-emenda introdotta bl-Att XIII tal-2005 kellhiex applikazzjoni retroattiva.

Rat id-dokument li kien esebit mill-intervenuti fil-kawza f`dik l-udjenza (fol 325 sa fol 343).

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tal-bank attur dwar id-direzzjoni li nghatat il-kawza fl-udjenza tal-25 ta` Gunju 2007, liema nota kienet prezentata fit-3 ta` Dicembru 2007 (fol 346 sa 358).

Rat ukoll id-dokument li kien hemm esebit (fol 359 sa 386).

Rat in-nota responsiva tal-konvenut Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li kienet prezentata fit-28 ta` Jannar 2008 (fol 388 sa 400), dik tal-intervenuti fil-kawza li kienet prezentata fit-3 ta` Marzu 2008 (fol 402 sa 405) u

dik tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li kienet prezentata fil-11 ta` April 2008 (fol 407 sa 408).

Rat id-dokument (fol 412 sa 425) li kien esebit mill-bank attur fl-udjenza tat-8 ta` Ottubru 2008 u dak li kien esebit mill-konvenut Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud fl-udjenza tat-30 ta` Marzu 2009 (fol 427 sa 446).

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet ulterjuri tal-bank attur li kienet prezentata fit-18 ta` Mejju 2009 (fol 448 sa 454), dik tal-konvenut Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud li kienet prezentata fid-9 ta` Lulju 2009 (fol 457 sa 463), dik tal-intervenuta fil-kawza Volksbank Malta Ltd li kienet prezentata fil-5 ta` Ottubru 2009 (fol 465 u 466).

Rat id-dikjarazzjoni tal-intervenuti l-ohra fil-kawza (fol 467) fejn ghamlu taghhom is-sottomissjonijiet ulterjuri bil-miktub li saru minn Volksbank Malta Limited.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-16 ta` Novembru 2009 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu* in linea mal-verbal tal-udjenza tal-25 ta` Gunju 2007.

Rat id-dokument li l-bank atturipprezenta fl-1 ta` Gunju 2011.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Meqjusa d-direzzjoni li hadet din il-kawza wara l-qbil bejn il-partijiet fl-udjenza tal-25 ta` Gunju 2007, iz-zewg

kwistjonijiet li kienu ndikati jirrigwardaw fis-sustanza **l-ewwel talba attrici**.

Din il-Qorti tghid li d-decizjoni li trid taghti llum hija msejsa fuq punti ta` dritt ghaliex, ghall-fini tal-ewwel talba, konsiderazzjonijiet ta` fatt ghandhom rilevanza marginali. Ghalhekk ghall-iskop tas-sentenza tal-lum, sejrin jitqiesu biss dawk il-fatti li huma strettament rilevanti ghall-accertament tal-ewwel talba.

Din il-Qorti sejra tikkunsidra **flimkien** iz-zewg kwistjonijiet li kienu sollevati fil-verbal tal-udjenza tal-25 ta` Gunju 2007 ghaliex huma relatati.

**L-ewwel kwesit** huwa :

jekk sabiex ikun ighodd, bhala tali, il-privilegg specjali li ghandu skond l-Att XXIII tal-1998 (Kap.406 tal-Ligijiet ta` Malta), huwiex il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (minn issa `l quddiem jissejjah "il-Kummissarju") xorta wahda marbut li jiskrivi dak il-privilegg specjali fir-Registru Pubbliku, u dan fit-terminu ta` xahrejn, skond l-Art.2029 tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta) bhal kredituri ohra.

**It-tieni kwesit** huwa :

jekk l-emendi ghall-Art.59 tal-Kap.406 li saru bl-Art.50 ta` l-Att XIII tal-2005 ghandhomx effett retroattiv.

Din il-Qorti sejra tqis dawn iz-zewg kwesiti fil-kuntest tal-ewwel talba attrici.

**L-Art.2029 tal-Kap.16** jaqra hekk -

*Il-privileggi specjali fuq l-immobbli u fuq hwejjeg mobbli kif specifikat fl-artikoli 2002(2) u 2012(1)(b) m`ghandhomx effett jekk ma jigux imnizzlin fir-Registru Pubbliku fiz-zmien ta` xahrejn.*

Jirrizulta bhala fatt li fl-1 ta` Settembru 2003, il-Kummissarju ipprezenta ittra ufficjali (Dok E) kontra Lapsi Holdings Ltd skond l-Art.59 tal-Kap.406 fejn interpellaha sabiex, fi zmien jumejn min-notifika, thallas is-somma ta` mitejn u erbgha u tletin elf, mija u sitta u ghoxrin lira (Lm234,126) bhala ammont dovut skond l-istess Kap.406. Il-mittent iddikjara wkoll li b`dik l-ittra ufficjali huwa kien qieghed irendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li kellu permezz ta` avviz li fis-16 ta` Awissu 2003 kien inghata lill-istess Lapsi Holdings Ltd.

Qabel din, kienu prezentati ittri ufficjali ohra kontra Lapsi Holdings Ltd. fosthom ittra ufficjali tat-23 ta` Novembru 1998 (Dok.A). Ghall-iskop tas-sentenza tal-lum, il-mod kif inhadmet il-figura ta` Lm234,126 mhuwiex rilevanti hlief ghal konsiderazzjoni wahda ta` fatt u cioe` dik sollevata mill-bank attur fis-sens illi skond il-bank attur l-ammont ta` Lm234,126 kien jinkludi s-somma ta` Lm8,828.41c li kienet il-mertu ta` l- ittra ufficjali tat-23 ta` Novembru 1998. Dik l-ittra ufficjali kienet prezentata mid-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, skond l-Att tal-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, fejn *inter alia* l-mittent kien iddikjara li permezz taghha, kien qieghed irendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li kellu permezz ta` avviz li fis-16 ta` Ottubru 1998 kien intbaghat lill-istess Lapsi Holdings Ltd.

Jirrizulta li fil-21 ta` Ottubru 2003, il-Kummissarju pprezenta fir-Registru Pubbliku nota ghall-iskrizzjoni ta` privilegg specjali kontra Lapsi Holdings Ltd bin-numru 17860/2003 (Dok G) ghall-ammont ta` Lm234,126 oltre imghax u spejjez.

Il-bank attur qieghed jitlob minn din il-Qorti li tiddikjara nulla dik l-iskrizzjoni stante li, skond l-istess bank attur, in-nota kienet prezentata meta kien diga` skada z-zmien ta` xahrejn skond l-Art.2029 tal-Kap.16. Il-bank attur ighid hekk ghaliex qieghed jikkontendi li t-terminu legali ghall-iskrizzjoni ta` privilegg specjali beda jiddekorri b`effett mid-data ta` l-avviz imsemmi fl-ittra ufficjali tat-23 ta` Novembru 1998 u mhux mid-data tal-avviz imsemmi fl-ittra ufficjali tal-1 ta` Settembru 2003.

It-twegiba tal-Kummissarju kienet fis-sens li t-terminu ta` xahrejn skond l-Art.2029 tal-Kap.16 ma kienx jorbot fil-konfront tieghu in vista tal-Art.62 tal-Kap.406.

**<u>L-Art.62 tal-Kap.406</u>** jaqra hekk –

*Il-Kummissarju ikollu privilegg specjali fuq l-attiv li jaghmel sehem*
*mill-attività ekonomika ta` persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taht dan l-Att u t-taxxa msemmija ghandha tithallas, minkejja kull ma jista` jinsab f `xi ligi ohra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor, hlief dejn li jkollu privilegg generali u dejn imsemmi fl-Artikolu 2009(a) jew (b) tal-Kodici Civili.*

Il-bank attur jirribatti billi jghid li t-terminu skond l-Art.2029 tal-Kap.16 jorbot ukoll lill-Kummissarju.

Diversi kienu l-argumenti tal-partijiet li din il-Qorti qieset fl-assjem taghhom. Fosthom hemm il-konsiderazzjoni li ressaq il-Kummissarju illi bl-Art.62 tal-Kap.406 il-hsieb tal-legislatur kien illi d-Dipartiment tal-VAT jigi ezentat mill-obbligu impost bl-Art.2029 tal-Kap.16. L-Art.62 ighid infatti l-Kummissarju kellu privilegg specjali *minkejja kull ma jista` jinsab f`xi ligi ohra.* Ghalhekk in linea mal-principju *lex specialis derogat lex generalis* l-Art.62 tal-Kap 406 kellu jipprevali fuq l-Art.2029 tal-Kap.16.

Min-naha tieghu, il-bank attur jikkontesta l-interpretazzjoni li l-Kummissarju kien qieghed jaghti lill-Art.62. Il-bank attur ighid li *minkejja kull ma jista` jinsab f`xi ligi ohra* qeghda tirreferi biss ghall-kwistjoni tal-gradwazzjoni tal-krediti u mhux jekk privilegg specjali ghandux jigi registrat kif ighid l-Art.2029 tal-Kap.16. Konferma ta` dan, skond il-bank attur, hija l-parti l-ohra tal-Art.62 li tghid *bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor.* It-tifsira korretta ghandha tkun li ammont dovut bhala VAT jippregradwa qabel kull kreditu iehor. Ghalhekk il-principju *lex specialis derogat lex generalis* ma jinkwadra xejn fil-kwistjoni. Il-Kummissarju ma jistax jivvanta privilegg specjali fuq proprjeta` immobiljari jekk ma jirregistrax il-privilegg skond l-Art.2029 tal-Kap.16.

Skond il-bank attur, l-argument tal-pratticita` imressaq mill-Kummissarju jikkozza mal-principju tal-harsien tal-interessi ta` terzi fis-sens li, bl-interpretazzjoni li qieghed jaghti l-Kummissarju, terzi li jakkwistaw proprjeta` immobiljari kolpita minn privilegg specjali se jkunu pregudikati u esposti ghar-riskju li mir-ricerki mhux se jsiru jafu jekk propjeta` hijiex kolpita tassew minn privilegg specjali ladarba kreditur bhall-Kummissarju ma ghandux limitu ta` zmien meta jirregistra l-privilegg. Dan certament ma kienx il-hsieb tal-legislatur. Ghalkemm bis-sahha tal-Kap.406 il-Kummissarju kellu privilegg specjali, huwa xorta kien marbut isegwi l-procedura stabbilita mill-Kap.16 ta` kif dak il-privilegg kellu jsir pubbliku ghall-beneficcju ta` terzi. Skond il-bank attur, li kieku l-intenzjoni tal-legislatur kienet dik li l-Kummissarju qieghed jippretendi li kienet, allura il-legislatur kien ighid bic-car l-Kummissarju kellu privilegg specjali anke minkejja illi dak il-privilegg specjali ma kienx iskritt fir-Registru Pubbliku.

Fl-istess kuntest, kienet trattata l-emenda ghall-**Art.59(2) tal-Kap.406** effett tal-Art.50 tal-Att XIII tal-2005.

**Qabel l-emenda**, l-Art.59(2) kien jaqra hekk –

*Il-Kummissarju jista` jitlob il-hlas ta` kull taxxa u penali amministrattiva li ghandha tithallas minn persuna skond dan l-Att bil-mezz ta` nota ta` talba ghall-hlas, u jekk il-hlas mitlub ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta` talba ghall-hlas tkun giet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista` jghaddi biex jigbor dak il-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta` talba ghall-hlas li ssir permezz ta` att gudizzjarju.*

**Wara l-emenda**, zdiedu dan il-kliem mat-test tal-Art.59(2) kif kien qabel –

*Meta jiskadi l-perjodu ta` jumejn imsemmi f`dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirregistra fir-registru pubbliku jew fir-registru ta` l-artijiet skond il-kaz, nota ta` privilegg ghall-ammont mitlub fl-att gudizzjarju u dik in-nota ta` privilegg tista` tigi registrata minn kull avukat jew nutar.*

L-argument tal-Kummissarju kien li fi kwalunkwe kaz l-iskrizzjoni li saret fil-kaz tal-lum kienet tikkonforma mal-Art.59(2) kif emendat. Min-naha tieghu, il-bank attur issottometta li dik id-disposizzjoni ma kellhiex tghodd ghall-kaz tal-lum billi kienet tittratta materja ta` natura fiskali li ghalhekk ma setax ikollha effett retroattiv.

Uhud mill-kwistjonijiet ta` dritt li kienu dibattuti fil-kawza tal-lum kienu wkoll trattati in *extenso* fil-**Konkors tal-Kredituri ta` Carmelo Gauci Limited (Rikors Nru. 53/06)** tant li l-partijiet fil-kawza tal-lum ilkoll ghamlu riferenza ghal dik il-procedura.

L-unika differenza ta` fatt bejn ic-cirkostanzi tal-kaz tal-lum u dak tal-Konkors tal-Kredituri ta` Carmelo Gauci Limited kien li filwaqt li fil-kaz tal-lum saret iskrizzjoni tal-

privilegg specjali, li l-bank attur pero` ighid li saret tardivament, fil-kaz l-iehor, ma kienet saret l-ebda iskrizzjoni, u hemm il-Kummissarju kien ivvanta preferenza fuq l-istess bank attur unikament fuq il-principju li l-privilegg specjali li kien igawdi kien hekk specjali li ma kien jghabbih bl-ebda obbligu li jiskrivi l-privilegg fir-Registru Pubbliku bhal kredituri ohra.

Il-**Konkors tal-Kredituri ta` Carmelo Gauci Limited** huwa rilevanti anke minhabba l-mod kif svolga l-*iter* tieghu.

**Fl-istadju tal-ewwel istanza**, li kien deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta (PA/RCP) fid-**29 ta` Mejju 2008**, l-esitu kien fis-sens illi fl-ewwel grad tal-gradwazzjoni kellu jkun il-bank attur.

F`dak l-istadju, kien inhatar perit legali ; kopja tar-relazzjoni kienet esebita ghall-fini tal-procedura tal-lum (ara fol 325 sa fol 343). Fir-relazzjoni, il-perit legali rrelata favur it-tesi tal-bank attur. L-argumenti tal-perit legali huma kjarament esposti fir-relazzjoni. Din il-Qorti taghmel riferenza ghalihom a skans ta` repetizzjoni. Fis-sentenza taghha, din il-Qorti diversament presjeduta ghamlet taghha dawk il-konkluzjonijiet peritali u ddecidiet favur il-bank attur. Kopja tas-sentenza tal-ewwel istanza giet esebita ghall-fini tal-procedura tal-lum (ara fol 414 sa 425).

Fis-sentenza taghha, il-Qorti hadet il-linja li ladarba fl-Art.62 tal-Kap.406 li ta lill-Kummissarju d-dritt li jikkostitwixxi privilegg specjali saret ukoll riferenza ghall-Art.2009 tal-Kap.16, il-legislatur ghamel hekk sabiex jillimita l-estensjoni tal-preferenza fis-sens li dak il-privilegg specjali ma kellux jitqies *in vacuum* izda kellu jkun regolat ukoll skond l-Art.2029 tal-Kap.16. Il-Qorti sostniet li *ubi lex voluit dixit* u kwindi ladarba fl-Art.62 il-legislatur irrefera ghall-Kap.16 l-intenzjoni tieghu ma

kenitx li jezenta lill-Kummissarju mill-obbligu ta` l-iskrizzjoni tal-privilegg specjali fuq l-immobbli biex jikkonserva d-drittijiet tieghu.

Sar appell li kien deciz fis-**<u>27 ta` Frar 2009</u>**. Fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Appell irrevokat is-sentenza ta` din il-Qorti u ddecidiet illi fl-ewwel grad ta` gradwazzjoni kellu jkun il-Kummissarju. Kopja tas-sentenza tat-tieni istanza giet esebita ghall-fini tal-procedura tal-lum (ara fol 427 sa 446).

Din il-Qorti sejra tislet dawk il-partijiet ta` dik is-sentenza li fil-fehma taghha jghoddu ghad-decizjoni taghha tal-lum. Il-Qorti tal-Appell qieset b`reqqa l-**<u>Art.62 tal-Kap.406</u>** u qalet hekk –

*Fl-ewwel parti tieghu dan l-artikolu jaghti "privilegg specjali" lill-Kummissarju (u mhux "jedd ta` privilegg" kif jinghad f`legislazzjonijiet ohra), u fl-ordinament guridiku Malti jezisti tip wiehed biss ta` privilegg specjali, u dan huwa dak indikat fl-Artikolu 2001(2) tal-Kodici Civli. Fil-ligijiet fiskali in kwistjoni il-legislatur ma tax xi definizzjoni ta` "privilegg specjali" ghall-finijiet tal-istess ligijiet fiskali, u, ghalhekk, it-tifsira ta` dan il-kuncett irid jittiehed mid-definizzjoni tieghu fil-Kodici Civili li, sakemm mhux eskluz, japplika b`mod generali. Hu interessanti wkoll li jigi notat illi dan il-"privilegg specjali" ma nghatax fuq il-beni kollha ta` kull xorta tad-debitur, f`liema kaz kien jehtieg li jkun deskritt bhala privilegg "generali" skond l-Artikolu 2001(1) tal-Kodici Civli, izda, fuq proprjeta` "partikolari" fit-termini tad-definizzjoni ta` privilegg specjali fil-Kodici Civili, u cioe`, fuq "l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika ta` persuna". Dan ikompli juri l-hsieb tal-legislatur li jorbot dan il-privilegg ma` dak trattat fil-Kodici Civili.*

*Issa, fil-waqt li l-privilegg specjali fuq hwejjeg mobbli, mhux mehtieg li jigi registrat (Artikolu 2032 tal-Kodici Civili), il-privileggi specjali fuq l-immobbli m`ghandhomx effett "jekk ma jigux imnizzlin fir-Registru Pubbliku" (Artikolu 2029). Dan hu hekk ghax privilegg*

*specjali fuq immobbli hu munit b`diritto di seguito (Artikolu 2002(2)), b`mod li jibqa` jaghti titolu ta` preferenza u jedd fuq il-proprjeta` anke jekk dik il-proprjeta` tghaddi ghand persuni ohra. Din ir-registrazzjoni hija mehtiega fl-interess tat-terzi, ghax terz li jkun se jixtri proprjeta` partikolari huwa intitolat li jkun jaf jekk dik il-proprjeta` hijiex qed taghmel tajjeb ghal dejn ta` xi hadd iehor. Ghalhekk hu importanti li dan il-privilegg specjali jigi registrat b`referenza espressa ghall-proprjeta` immobbli kolpita, u dan kif jiddisponi l-Artikolu 7 tal-Att dwar ir-Registru Pubbliku (Kap. 56 tal-Ligijiet ta` Malta). Registrazzjoni ta` privilegg specjali semplicement "fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika" tad-debitur ma tistax titqies valida ghax il-privilegg irid jolqot proprjeta` immobbli partikolari, bl-indikazzjoni tal-immobbli tkun skond l-Artikolu 7 tal-Att indikat. Fin-nuqqas ta` tali registrazzjoni, maghmula kif trid il-ligi, ma jistax jinghad li l-privilegg specjali jolqot xi proprjeta` immobbli. Fis-sistema legali taghna, ma hux koncepit "privilegg specjali" fuq immobbli mhux registrat, aktar u aktar meta tqis li skond il-ligi, il-privileggi specjali fuq l-immobbli huma, f`kull kaz, muniti bid-diritto di seguito.*

*Sa hawn, din il-Qorti, taqbel mat-tezi tal-HSBC Bank Malta plc u abbraccjata mill-ewwel Qorti. L-Artikolu 62 tal-Kap.406, pero`, jinqasam f`zewg partijiet, u din il-Qorti ma taqbilx mal-mod kif l-ewwel Qorti interpretat it-tieni parti ta` dan l-artikolu. L-ewwel Qorti qablet mal-perit legali fejn dan qal a fol. 526 :*

*"Barra minn hekk, l-Artikolu 62 jista` jinghad li jinqasam f`zewg aspetti, fl-ewwel parti jigi stabbilit il-privilegg specjali filwaqt li fit-tieni parti jigi stabbilit illi <u>dan il-privilegg specjali</u> jiggradwa bi preferenza, minkejja kull ma jista` jinsab f`xi ligi ohra fuq dejn privileggjat iehor. Jidher ghalhekk illi l-kwalifika li hemm fl-Artikolu 62 li biha kwalunkwe ligi ohra ghandha tigi sottratta ghall-gradwazzjoni kontemplata fl-Art. 62, hija limitata ghall-kwistjoni ta` gradwazzjoni <u>diment li jigi determinat illi dak il-kreditu huwa munit bil-privilegg specjali</u>". (sottolinear ta` din il-Qorti).*

*Din il-Qorti ma taqbilx mal-partijiet minnha sottolineati, peress li l-ligi ma tghidx li l-privilegg specjali jiggradwa bi preferenza, izda li "t-taxxa msemmija ghandha tithallas" bi preferenza, u lanqas ma tassoggetta l-preferenza tal-hlas ghad-determinazzjoni illi l-kreditu huwa munit bi privilegg specjali. Kif intqal mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "**<u>Zammit v. Caruana noe</u>**", deciza fit-8 ta` Jannar, 1958, il-kreditu u l-privilegg huma separati minn xulxin: il-kreditu huwa haga, u l-privilegg huwa hag`ohra. Ghalkemm il-privilegg ma jistax jissussisti minghajr il-kreditu, il-kreditu jista` jissussisti indipendentement mill-privilegg. F`dan ikuntest dan ifisser illi n-nuqqas tal-Kummissarju tal-VAT li jirregistra l-privilegg ma jestingwix il-kreditu, u skond l-Artikolu 62, dan il-kreditu ghandu jithallas "bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor".*

*Bil-privilegg specjali, debitament registrat, il-Kummissarju tal-VAT ikun jista` jinforza l-kreditu tieghu fuq dik il-proprjeta` immobbli partikolari, f`idejn min tkun. Jekk ma jirregistrax ipoteka specjali, allura jrid jissodisfa ruhu mill-assi li jkollu d-debitur, b`dan, pero`, li anke jekk dawk l-assi jkunu milquta b`xi privilegg, il-Kummissarju jithallas l-ewwel (hlief kif jiddisponi l-istess Artikolu 62).*

*Il-frazi "minkejja kull ma jista` jinsab f`xi ligi ohra" tinsab, fil-fatt, fit-tieni parti ta` din il-klawsola, u fil-waqt li mhux qed tirreferi ghall-"privilegg specjali" imsemmi fl-ewwel parti, tikkwalifika l-hlas tat-taxxa li, f`kull kaz mill-assi tad-debitur, ghandha ssir bi preferenza fuq kull dejn iehor, hemm x`hemm f`ligijiet ohra.*

*Ghalhekk, f`dan il-kaz, la darba l-flus garantiti mill-bank ghall-fini ta` dawn il-proceduri, huma r-rikavat mill-bejgh tal-assi tal-kumpanija debitrici, it-taxxa dovuta ghandha tithallas bi preferenza u qabel kull dejn iehor bhal dak tal-bank konkorrent.*

*Irid jizdied li d-dritt ta` preferenza tal-Kummissarju tal-VAT hu fuq it-<u>taxxa</u> dovuta u mhux fuq hlasijiet ohra li jistghu jkunu dovuti …*

Din is-sentenza kienet segwita minn procedura ta` ritrattazzjoni istitwita fuq istanza tal-bank attur li kienet deciza fid-**<u>19 ta` Mejju 2011</u>**. Il-Qorti tal-Appell cahdet it-talba tal-bank attur ghal ritrattazzjoni skond l-Art.811(e) (f) u (i) tal-Kap.12. Fin-nota li maghha kienet annessa kopja tas-sentenza, il-bank attur issottometta li l-uzu tal-espressjoni “tajjeb jew hazin” mill-Qorti f`din is-sentenza setghet titqies bhala inferenza jew ghamla ta` nuqqas ta` adezjoni da parti ta` l-Qorti ma` dak li kien deciz fis-sentenza li taghha kienet intalbet ir-ritrattazzjoni. Din il-Qorti tghid li dak li qieghed jinghad f`dan il-kuntest mill-bank attur ma jistax jitqies bhala xi kumment *obiter* tal-Qorti dwar dik is-sentenza propju ghaliex il-parametri li dwarhom kellha tiddeciedi l-Qorti kienu t-tliet disposizzjonijiet citati u jekk il-Qorti sabet li l-ebda wahda ma kienet tirrizulta, il-kompitu tal-Qorti waqaf hemm u l-ebda kumment li seta` sar ma jista` jigi interpretat naha jew ohra.

Ladarba s-sentenza tas-27 ta` Frar 2009 ghaddiet in gudikat, dak li jmiss taghmel din il-Qorti huwa li tghid jekk l-insenjamenti li hargu minnha jistghux jigu applikati ghall-kaz tal-lum **<u>specjalment</u>** fil-mod kif il-Qorti interpretat l-**<u>Art.62 tal-Kap.406</u>** u kif dik l-interpretazzjoni tolqot d-decizjoni dwar l-ewwel talba tal-bank attur fil-kawza tal-lum.

**Din il-Qorti qeghda taghmel dan l-enfasi ghaliex ghall-fini tas-sentenza taghha tal-lum l-applikazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq citata minghajr *distinguo* ghall-kawza tal-lum mhux necessarjament jista` jkollha l-esitu mixtieq mill-Kummissarju.**

**<u>Specifikament ghall-fini tal-accertament tal-fondatezza o meno tal-ewwel talba</u>**, din il-Qorti tghid li fis-sentenza taghha fuq citata, il-Qorti tal-Appell kienet **<u>cara</u>** meta accettat bhala valida t-tesi tal-HSBC Bank

Malta plc (li kienet abbraccjata mill-ewwel Qorti) fis-sens li –

… l-*-privileggi specjali fuq l-immobbli m`ghandhomx effett "jekk ma jigux imnizzlin fir-Registru Pubbliku" (Artikolu 2029*) … *Ghalhekk hu importanti li dan il-privilegg specjali jigi registrat … Registrazzjoni ta` privilegg specjali semplicement "fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika" tad-debitur ma tistax titqies valida ghax il-privilegg irid jolqot proprjeta` immobbli partikolari, bl-indikazzjoni tal-immobbli …* ***Fin-nuqqas ta` tali registrazzjoni, maghmula <u>kif trid il-ligi</u>, ma jistax jinghad li l-privilegg specjali jolqot xi proprjeta` immobbli. Fis-sistema legali taghna, ma hux koncepit "privilegg specjali" fuq immobbli mhux registrat, aktar u aktar meta tqis li skond il-ligi, il-privileggi specjali fuq l-immobbli huma, f`kull kaz, muniti bid-diritto di seguito***.

(enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti)

Mela anke ghall-fini tal-ewwel talba, il-bank attur bir-ragun insista li l-privilegg specjali tal-Kummissarju skond l-Art.62 kellu jigi registrat kif ighid l-Art.2029 tal-Kap.16.

Dan iwassal ghall-kwistjoni l-ohra u cioe` jekk ir-registrazzjoni saritx fit-terminu perentorju ta` xahrejn indikat fl-Art.2029 tal-Kap.16. Ma` din hemm imbaghad il-kwistjoni l-ohra marbuta maghha u cioe` jekk l-emenda ghall-Art.59(2) li saret b`effett tal-Att XIII tal-2005 setghetx tkun applikata b`mod retroattiv.

**<u>Abbazi tal-fattispece tal-kaz tal-lum</u>**, huwa ben evidenti, anke jekk wiehed kellu joqghod biss fuq ix-xiehda ta` George Catania, li l-Kummissarju kien tal-fehma li ma kellu l-ebda obbligu jiskrivi l-privilegg specjali skond l-Art.62 tal-Kap.406 (u dak *mutatis mutandis* skond il-Kap.395) a tenur tal-Art.2029 tal-Kap.16. Kien *anke* ghalhekk li ma saret l-ebda iskrizzjoni tal-ammonti pretizi

mill-Kummissarju skond l-ittri ufficjali tat-23 ta` Novembru 1998 (Lm8,828) 7 ta` Novembru 2000 (Lm30,992) u 7 ta` Novembru 2000 (Lm48,892). L-iskrizzjoni saret biss wara l-ittra ufficjali tal-1 ta` Settembru 2003 (Lm234,126). Billi dan l-ahhar ammont kien **jikkomprendi** l-ammonti precedenti, din il-Qorti tghid li l-iskrizzjoni (b`dawk l-ammonti) kienet tardiva sabiex il-privilegg specjali seta` jkollu l-effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. L-iskrizzjoni kienet hekk tardiva nonostante l-emendi li dahlu fis-sehh bhala effett tal-Att XIII tal-2005 ghaliex din il-Qorti tikkondividi t-tezi tal-bank attur li dawk l-emendi ma jistax ikollhom effett retroattiv.

Bhala fatt, din il-Qorti tghid li ghalkemm il-kwistjoni tar-retoattivita` kienet trattata mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu fil-kawza "**Konkors tal-Kredituri ta` Carmelo Gauci Limited**", ma sarx accenn ghal din il-kwistjoni la minn din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ewwel istanza u lanqas mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha.

Min-naha taghha, din il-Qorti tirrafferma l-principju li *l-ligijiet fiskali huma suggetti ghall-principju tan-nonretroattivita` bhalma huma l-ligijiet komuni u japplikaw ruhhom u jizvolgu l-effikacja taghhom ghall-attijiet li jsiru waqt li dawk il-ligijiet ikunu attivi* (Qorti tal-Appell – 12 ta` Mejju 1950 – "**Cassar Torreggiani noe vs Gatt noe**").

Din il-Qorti ssostni li s*abiex il-ligi jkollha effett retroattiv, jehtieg li dan l-effett jirrizulta b`mod car u zgur ; u ghaldaqstant fid-dubju ghandu jkun ezkluz* (Prim`Awla tal-Qorti Civili – 29 ta` Ottubru 1959 – "**Caruana Curran noe vs Camilleri noe**").

Mit-test tal-ligi citata, ma jirrizultax li dik rilevanti ghall-kaz tal-lum kienet intiza mil-legislatur li jkollha effett retroattiv. Drittijiet sostantivi ma ghandux ikollhom effett retroattiv hlief fejn ikunu ta` ordni pubbliku. Dak tal-lum mhuwiex dritt ta` ordni pubbliku. Inoltre fl-assenza ta`

artikolu transitorju fl-Att XIII ta` 2005 li jispecifika xort`ohra, l-emendi ma setghux jigu applikati b` mod retroattiv. (ara wkoll – Prim`Awla tal-Qorti Civili – PA/PS – 3 ta` Ottubru 2003 – "**Fava vs Mamo et**" **u** Appell Inferjuri – 10 ta` Jannar 2007 – "**Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Caruana**").

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi tilqa` l-ewwel talba attrici, bl-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.**

**Il-kawza tibqa` differita ghall-kontinwazzjoni ghall-udjenza ta` nhar it-Tlieta 24 ta` Jannar 2012 fl-10:00am.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------